# EDITORJAL

## IL-LETTERATURA MALTIJA U L-INDIPENDENZA

DAN huwa l-ewwel għadd ta' *Leħen Il-Malti* mindu l-ħakma nqalbet minn taħt idejn il-barrani għal taħt idejna; mindu, fi kliem ieħor, ingħalqet il-ġrajja mibdija fl-1800 u magħquda fl-1813 meta Malta saret kolonja ingliża. F'dawn iż-żmenijiet ġiena l-ħsieb nistaqsu lilna nfusna: X'kien is-sehem ta' l-awturi Maltin li bih għenu biex Malta tieħu l-Indipendenza tagħha? It-tweġiba daqsxejn iebsa u mhux dik li wieħed jixtieqha li kellna tkun, għaliex sa' ftit ta' żmien ilu ftit kienu dawk li kien igħaddilhom minn moħħom li Malta tista' tinqata' għaliha u tibda taħseb għal rasha waħidha. Din hija l-psikoloġija ta' poplu żgħir li beża' mhux mill-liberta li hija għażiża għal kulħadd, imma minn dak li huwa ħaseb li setgħu jkunu l-konsegwenzi ta' pajjiż ħieles imma mingħajr riżorsi. Tarġa' aħna l-Maltin twelidna, trabbejna u kbirna għad-dell tal-bandieri ta' ġnus oħra, li dejjem ħarisna lejhom bħala aqwa u akbar minna, bħalma l-aħwa ż-żgħar iħarsu lejn ħuthom il-kbar u jistennewhom jaqbżu għalihom meta xi ħadd jaħbat għalihom. Tista' taħseb kif mentalità bħal din ċekknitna, meta aħna għall-aħħar elfejn sena dejjem ridna minn ħaddieħor għax konna dejjem immex-xijin mill-barrani. Malta qatt ma kellha rajha f'idejha, tneħħi xi snin fi żmien il-ħakma Rumana, meta lill-gżejjer tagħna ngħatat id-dinjità ta' muniċipju, bl-istess liġijiet, maġistrati u unuri li kien qed igawdi l-poplu Ruman. Imma aħna lanqas biss għadna nafu s-sena meta dak ġara u għal

kemm snin Malta damet tgawdi dak l-istatus li aktarx kien wisq inqas minn dak li wieħed jista' jistħajjel wara dawn is-sekli kollha. Għax ta' dan kollu aħna m'għandna l-ebda xhieda ħlief dak li naqraw f'xi ftit is-krizzjonijiet li nstabu. Daqs kemm ilu, ta' dak iż-żmien u ta' dik il-libertà ma baqa' l-ebda tifkira. Wieħed jista' jaħseb, mela, kemm setgħet baqgħet dritta s-sinsla tal-poplu tagħna wara aktar minn elfejn sena ta' ħakma barranija, ħakma kolonjali li qatt ma tista' tagħmel il-ġid lil ruħ ta' poplu, anki meta din tkun tajba u ħelwa. Poplu li mexxieh ħaddieħor ma jkun qatt żgur minnu nnifsu u jitla' beżżiegħi bħal tarbija li għadha ma tafx timxi sewwa, dejjem taqbad f'idejn ommha biex tmexxiha hi. Din hija r-ruħ imfarrka li nsibu fil-kitba ta' awturi Maltin. Dik li nkitbet bit-Taljan fissret mhux ix-xewqa għall-indipendenza tal-poplu Malti imma x-xewqa li Malta tinxtorob ġol-kwadru Taljana u hekk tbiddel wiċċha għal kollox, ħaġa li żgur Silvio Pellico ma riedx lill-Italja tagħmel meta din kienet maħkuma mill-Awstrija.

L-ewwel awtur Malti li jagħtina ħjiel ta' xewqa ta' indipendenza għal Malta, għalkemm il-ħsieb mhux ċar biżżejjed kif nifhmuh illum, kien Mikiel Anton Vassalli (1764-1829), studjuż mill-aqwa li ra l-ġrajjiet ta' żmenijietu u dawk li kellhom jiġu wara wisq aktar ċar u b'għajnejn mhux imdennsa milli rawhom il-Maltin u l-barranin ta' żmienu. Ma jistax ikollok nazzjon mingħajr lingwa tagħha. Poplu bla lingwa qisu bniedem bla lsien – ma jistax jitkellem. Vassalli mexa tajjeb fuqdin il-fehma. Fil-*Progetto* (p. xxxix) li hemm fil-Lexicon tiegħu, stampat f'Ruma fl-1796, lil ilsien il-poplu sejjaħlu *lingua nazzionale* u lil art twelidna sejħilha fl-istess paġna il-*Dominio di Malta e Gozo*. Kien tassew ħsieb sabiħ dak ta' M.A. Vassalli, ħsieb li jintrabat ma' żmenijietna, it-titlu *Alla Nazzione Maltese* li huwa qiegħed f'ras il-prefazzjoni tad-dizzjunarju. Vassalli kien l-ewwel wieħed li xandar in-nazzjonaliżmu Malti, mhux fis-sens partiġġjan ta' żmenijietna imma fis-sens sħiħ tal-kelma. Jiġifieri Vassalli ma tħabatx għan-nazzjonaliżmu f'sens partiġġjan, imma f'sens usa' u ikbar, bħala l-idejal ta' poplu magħqud.

L-Indipendenza li xandar Vassalli kellha tkun mhux biss indipendenza tal-politika tagħna, imma wkoll u fuq kollox l-indipendenza tal-karattru Malti, ħaġa li għad irridu naħsbu għaliha, għax sa' issa l-Indipendenza ta' pajjiżna hija indipendenza politika biss. Fl-aħħar mill-aħħar wieħed ma jistax jeħles hekk malajr mit-tradizzjoni ta' jasar politku li writna wara aktar minn elfejn sena li konna mmexxijin mill-barrani. Wara Vassalli kellna awturi oħra Maltin li taw ħjiel ta' l-indipendenza ta' Malta; imma dan il-ħjiel aktarx jieħu s-sura ta' protesta kontra l-moħqrija tal-barranin. Bħal issa għandi f'rasi ir-rumanz *Ineż Farruġ* (1889) ta' A.E. Caruana.

Il-ġrajja ta' dan ir-rumanz tinħadem fi żmien il-ħakma Spanjola meta Monroy kien gvernatur ta' Malta u biex idaħħal dak li kien ħallas lill-Viċi Re ta' Sqallija, ħalli ikun jista' jiggverna l-gżejjer tagħna, selaħ kemm taxxi felah minn fuq il-ħaddiema fqar tagħna. Rumanz ieħor patrijottiku huwa *Nazju Ellul* (1909) ta' Ġuże Muscat Azzopardi. F'dan ir-rumanz għandna aktar minn inkwadru wieħed tal-qlubija tal-poplu Malti meta dan ħabat għall-ħakma tal-Franċiżi li bdew jaqilbu kollox ta' taħt fuq. F'dan ir-rumanz niltaqgħu mal-figura erojka ta' Dun Mikiel Scerri, li l-Franċiżi xkubbettjaw fi pjazza San Ġorġ, dik il-pjazza li llum tiġi quddiem il-Palazz tal-Gvernatur, fejn għadha ħajja t-tifkira ta' qalbieni li miet għall-ġieħ u l-kobor ta' pajjiżu. B'mod inqas miftuħ, il-Professur Ġan Anton Vassallo (1817-1868) inqeda b'Mannarino biex ifisser ix-xewqat tal-Maltin li jeħilsu mill-barrani li jkollhom rajhom f'idejhom. Dr. A. Cremona, l-awtur tal-*Fidwa tal-Bdiewa* (1936) bħal A.E. Caruana, stħarreġ il-moħqrija li ġarrbu niesna fi żmien il-ħakma Spanjola u wriena l-kobor u u l-qlubija tal-bdiewa tagħna maħqura meta dawn qamu għall-barrani u biex jeħilsu minnu, ġabru l-flus għall-fidwa tal-gżejjer tagħna. Fi żmenijietna niltaqgħu ma' sentimenti patrijottiċi f'xi wħud mill-poeti tagħna, fost dawn Ġorġ Pisani, Ġuse Chetcuti, Karmenu Vassallo, Dr. Rużar Briffa, u nista', mingħajr misthija, ningħaqad magħhom jiena wkoll bir-rumanz tiegħi *Taħt Tliet Saltniet.*

Iżda dawn l-awturi Maltin ħasbu għall-indipendenza tal-karattru Malti qabel l-indipendenza politika, għax fi żmienhom ħafna kienu dawk il-Maltin li kienu jxandru l-indipendenza politika ta' pajjiżna imma ma kienu juru l-ebda sinjal ta' indipendenza fil-karattru tagħhom bħala Maltin. Fost dawn kien hemm x'uħud li għamlu għajb lil Malta u l-idejat tagħhom dwar l-indipendenza politika billi maqdru u żebilħu kemm felħu 'l ilsien ġensħom. Bħal kieku l-Malti u Malta ma jingħaqdux flimkien bħalma l-AĦMAR u l-ABJAD jingħaqdu fil-bandiera Maltija!

Niżżuħajr 'l Alla dak iż-żmien għadda u l-Gvern Nazzjonalista ħaqqu tifħir talli daħħal fil-Kostituzzjoni tal-Indipendenza l-Ilsien Malti bħala lingwa uffiċċjali tal-pajjiż u l-Innu Malti ta' Dun Karm u Robert Sammut bħala l-Innu Nazzjonali. Il-letteratura ta' poplu ieħor, kbira kemm hi kbira, qatt ma tista' tfisser ir-ruħ u s-sentimenti tal-poplu Malti għax, la l-awturi ma jkunux Maltin, Malta ma tistax tkun għalihom dik l-omm li lilna tatna t-twelid u saħħnitilna qalbna u moħħna bl-oħla dwal tagħha. Għal-hekk nistgħu nqisu l-letteratura Maltija bħala dokument nazzjonali. Ħaġa kurjuża kif Anton Buttigieg, li tħabat għall-indipendenza politika ta' Malta, anki jekk l-indipendenza li xtaq hija ta' xort'oħra, fit-tliet kotba ta' poeżiji li laħaq stampa ma juri l-ebda sinjal ta' l-aspirazzjonijiet

politiċi tiegħu. Madankollu, mindu stampa dawn it-tliet kotba huwa kiteb poeżiji, l-aktar fil-ġurnali tal-partit, li bihom jingħaqad mal-poeti Maltin patrijottiċi. Jekk in-nota politika patrijottika li Anton Buttigieg daħħal fil-poeżija tiegħu ziditx jew le fil-ġmiel tal-poeżija tiegħu bħala sengħa jgħiduh il-kritiċi meta dawn il-poeżiji ġodda jinġabru fi ktieb ieħor.

U xi ngħidu għal Dun Karm, il-poeta nazzjonali, li tana l-kliem ta' l-Innu Malti? Dun Karm kiteb l-isbaħ poeżija patrijottika fil-letteratura tagħna; imma m'hemm xejn mill-poeżija tiegħu li jġagħlek taħseb li xtaq li Malta tkun indipendenti mis-sens politiku kif inhi llum. Bħall-awturi l-oħra Maltin, Dun Karm kien imħasseb ħafna dwar il-karattru servili ta' x'uħud mill-Maltin il-kbar li urew kemm kienu mjassrin mal-lingwa u l-istorja ta' kultura barranija meta għamlu minn kollox biex imaqdru u jżebilħu l-ilsien Malti u jgħawġu l-istorja ta' niesna biex jitilfuha fl-istorja ta' poplu ieħor. Dun Karm għalhekk, xandar l-indipendenza tal-karattru Malti għax kull indipendenza oħra tingħata biż-żmien lil dawk li jagħrfu jirrispettaw lilhom infushom u ma jbigħux pajjiżhom lill-barrani.

Ma hemmx ħafna iżjed x'wieħed seta' jżid fuq is-suġġett. Ikollna nistqarru li l-awturi Maltin aktar milli indipendenza politika, li fi żmienhom kienet imħawdha ħafna, u ħtija ta' firda bejnietna, xtaqu u riedu l-indipendenza tal-karattru Malti. Issa li flok il-bandiera Ingliża telgħet il-bandiera Maltija fuq l-iswar u l-palazzi tagħna, forsi nibdew nirrispettaw dak kollu li hu Malti aktar milli konna nagħmlu dari. Waqqajna minn riġlejna u idejna il-ktajjen tal-jasar politiku, imma għad baqagħlna nwaqqgħu l-ħtijja tal-jasar spiritwali. Kollox biż-żmien, imma xi darba naslu; u naslu aktar malajr jekk il-gvern tal-pajjiż u l-poplu jgħinu lill-awturi Maltin jaqdu d-dmir tagħhom mhux biss bħala kittieba imma wkoll bħala ċittadini ta' Malta Indipendenti.

Magħqudin ilkoll flimkien għandna triq twila quddiemna x'nimxu għall-ħarsien tal-Lingwa u n-Nazzjon tagħna li jintrabtu flimkien fl-istorja ġdida bħalma flimkien jintrabtu iż-żewġt ilwien l-Abjad u l-Aħmar fil-bandiera Maltija.